MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 4/2007/1

**John Camilleri (ID 39344M)**

**vs**

**Carmelo Falzon (ID 375137M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors ta’ John Camilleri li jghid hekk:

Illi huwa jikri minn ghand l-intimat zewg fondi kummercjali, u cioe’ zewg garaxxijiet fi Trejqet il-Mithna, Zabbar, wiehed numru sitta (6) bil-kera annwali ta’ mitt lira Maltin (Lm100) u l-iehor numru sebgha (7) bil-kera annwali ta’ tlieta u sittin lira Maltin (Lm63), it-tnejn li huma pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem, u bl-ewwel skadenza li jmiss fil-hmistax (15) ta’ Jannar, 2007 fir-rigward taz-zewg fondi.

Illi permezz ta’ ittra ufficjali datata 4 ta’ Dicmebru, 2006, li kopja taghha hija hawn annesa u mmakata bhala Dok JC

1, l-intimat avza lir-rikorrent li l-kera taz-zewg fondi msemmija ser tigi awmentata ghal mitejn lira Maltin (Lm200) fis-sena kull wiehed.

Illi l-awment mitlub huwa ngust u l-kera attwali jirrispekkja l-valur lokatizzju reali tal-fondi in kwistjoni.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob li dan il-Bord joghgbu jirrigetta l-awment tal-kera indikat fl-ittra ufficjali fuq imsemmija, bl-ispejjes kontra l-istess intimat.

Semgha ix-xhieda;

Ra l-atti kollha;

Ikkonsidra:

Illi stante li dan ir-rikors kien jehtieg assistenza teknika, c-Chairman assenja biex jassistuh lill-membri tieghu l-Perit AIC Renato La Ferla u l-Perit AIC Godfrey Vella;

Illi z-zewg membri teknici waslu ghall-konkluzzjonijiet taghhom dwar x'ghandu jkun l-kera gust, liema konkluzzjonijet huma annessi ma' din id-decizjoni u li jiffurmaw parti integrali minnha..

Illi l-membri teknici ikkonkludew illi kwantu ghall-fond Numru 7, Trejqet il-Mithna, Zabbar ghandu jkun ta' mitt lira fis-sena llum ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin euro u erba u disghin centezmu (Euro 232.94) u kwantu ghall-fond Numru 6, Triq il-Mithna, Zabbar ghandu jkun ta' mija u erbghin lira maltin fis-sena llum ekwivalenti ghal tlett mija u sitta u ghoxrin euro u hdax-il centezmu (Euro 326.11). Illi dan l-awment jidher gustifikat u huwa motivat bid-decizjoni tal-periti membri;

Ghaldaqstant l-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti u jiddecciedi li l-kera gust kwantu ghall-fond Numru 7, Trejqet il-Mithna, Zabbar huwa ta' mitt lira fis-sena illum ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin euro u erba u disghin centezmu (Euro 232.94) u kwantu ghall-fond Numru 6, Triq il-Mithna, Zabbar huwa ta' mija u erbghin

lira maltin fis-sena llum ekwivalenti ghal tlett mija u sitta u ghoxrin euro u hdax-il centezmu (Euro 326.11) iz-zewg awmenti ghandu jkollhom effett mill-15 ta' Jannar 2007.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------